MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ’Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa (Urġenti) Numru 13

15 ta’ Ġunju 2020

Il-Kunsilli Lokali H’Attard ltaqa’ online b’xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant’Anna, Ħ’Attard, fis-5.30 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.37pm. Kulħadd kien preżenti.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 13.2 Skema Ġbir ta' Skart Riċikklabbli

13.2.1 Is-Sur Stefan Cordina beda billi spjega dak li ġara fejn f'dawn l-aħħar jiem inqalgħu diżgwidi ma' xi Kunsilli Lokali fejn wieħed mill-operaturi tal-iskema talab biex joħrog mill-iskema u ma bediex jiġbor l-iskart riċikklabbli ta' raħal partikulari.

Kien għalhekk li sar intervent mill-Gvern Ċentrali u r-Reġjuni ġew mitluba jieħdu ħsieb din il-materja. Waqt laqgħa tar-Reġjun Ċentru uħud mill-Kunsilli urew diżapprovazzjoni li t-tender tal-ġbir ta' dan l-iskart jinħareg mir-Reġjun għal bosta raġunijiet. Għalhekk kull Kunsill intalab jesprimi l-ħsibijiet tiegħu waqt laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sur Cordina esprima bosta ħsibijiet fuq jekk ir-Reġjun ikollu joħroġ it-tender hu fosthom li ma jkollhomx kontroll totali fuq il-kuntrattur, li jekk ikun hemm ilmenti iridu l-ewwel jiġu mgħoddija lir-Reġjun imbagħad lill-Kuntrattur, fuq il-fatt li tlettax-il Kunsill f'daqqa jista' joħloq intoppi sabiex jingħata servizz tajjeb u li ġaladarba ha jinħargu flus għal dan is-servizz allura jingħataw lil kull Kunsill individwalment u kull Kunsill iħallas u jimmaniġġja hu.

Is-Sur Cordina saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li t-tender ta' dan il-Gbir jinħareg mir-Reġjun.

Kien hemm qbil unanimu li t-tender għandu strettament jinħareġ mill-Kunsill Lokali.

## 13.3 Sistema ta' EPOS Machine

13.3.1 Il-Kunsill kellu talba mill-AKL sabiex kull Kunsill ikollu Sistema ta' EPOS machines. Ghalhekk is-Sur Cordina talab il-permess tal-Kunsill sabiex tkun tista' tiddaħħal din is-sistema fl-uffiċċini u n-nies ikunu jistgħu jinqdew aħjar. Il-Kunsill qabel unanimament ħlief li s-Sur Mangion wara li qabel irrimarka li l-EPOS jiddaħħlu imma mingħajr mal-Kunsill jikkometti ruħhu ma' Bank partikulari.

## 13.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

13.4.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.47pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Ġunju 2020 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 22 ta' Ġunju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |